Hon. Tonio Fenech B.A. (Hons) Accty, FIA, CPA, MP
Chairman Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi
Valletta

19 ta' Mejju 2014

Hon. Anglu Farrugia, LL.D.
Speaker tal-Kamra tad-Deputati
Valletta

Sur President,

Niktiblek fil-kapaċità tiegħi ta' President tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi b'referenza għas-seduta ta' dan il-Kumitat ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014.

Kif is-Sedja ċertament taf, fil-bidu ta' din is-seduta kien hemm dibattitu intens bejn iż-żewġ naħat dwar it-talba tal-Oppożizzjoni biex il-Kumitat jinvestiga l-kuntratt li l-Gvern iffirma mal-kumpanija privata Henley & Partners.

Qed niktiblek din l-ittra b'urġenza in vista tar-*ruling* li jien tlabtek tagħti wara l-oġġezzjoni tal-Gvern fis-seduta msemmija li l-kuntratt ikun esebit u jkun għad-dispożizzjoni tal-Kumitat.

Il-pern tal-oġġezzjoni tal-Onor. Ministru Owen Bonnici fis-seduta kien maqsum fuq żewġ raġunijiet: (a) li l-Gvern kien esebixxa l-kuntratt fl-atti ta' kawża li hemm pendenti quddiem il-Qorti; u (b) li nħareġ digriet mill-Qorti fil-kawża msemmija biex il-kuntratt bejn il-Gvern u Henley & Partners ma jkunx ippubblikat. Skont il-Ministru Bonnici, dan il-Parlament ma jistax jinjora d-digriet tal-Qorti –tant li l-Ministru Bonnici fis-seduta tal-Kumitat qal: "irridu nbaxxu rasna għad-digriet tal-Qorti".

L-Oppożizzjoni għamlet il-verifiki tagħha u ninsab f'pożizzjoni li ninfurmak li (a) mhux veru li l-Gvern esebixxa l-kuntratt li l-Gvern iffirma ma' Henley & Partners fil-Qorti; u (b) mhux veru li hemm xi digriet tal-Qorti li rabat lill-Gvern biex ma jippubblikax tali kuntratt.

Kif qed tara mit-traskrizzjoni annessa tax-xhieda fil-kawża msemmija (paġna 2 tax-xhieda tas-Segretarju Permanenti Mahoney tas-6 ta' Frar 2014), dak li fil-fatt il-Gvern esebixxa kien il-*confidentiality agreement* u mhux il-kuntratt. M'hemmx għalfejn nenfasizza d-differenza bażika u kardinali bejn kuntratt u *confidentiality agreement*: filwaqt li dan tal-aħħar hu dokument li jirtira kulmin ikun se jagħmel offerta wara ħlas amministrattiv (f'dan il-każ, ta' €125), il-kuntratt hu l-kuntratt finali li effettivament ġie ffirmat bejn il-Gvern u

Henley & Partners wara l-għeluq tal-proċess tas-sejħa pubblika u li minnu Henley & Partners se tagħmel qligħ ta' mijiet ta' miljuni ta' ewro.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, u għan-nom tal-Oppożizzjoni, nistieden lis-Sedja tieħu konjizzjoni ta' dan l-iżvilupp bla preċedent u kruċjali u tiżgura li ħidmet il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi ma jiġix ostakolat b'tagħwiġ ta' fatti u fatti li m'għandhomx mis-sewwa intiżi biex jingannaw lill-membri ta' dan il-Kumitat u l-Parlament.

Tonio Fenech
Chairman tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi